

Brussell, 13 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

14972/21

AGRI 638  
PHYTOSAN 38  
AGRILEG 269

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 786 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-infurzar u l-effettività tal-miżuri dwar is-saħħa tal-pjanti b'rabta mal-importazzjonijiet fit-territorju tal-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 786 final.

Mehmuż: COM(2021) 786 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.12.2021  
COM(2021) 786 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-infurzar u l-effettività tal-miżuri dwar is-saħħa tal-pjanti b'rabta mal-  
importazzjonijiet fit-territorju tal-Unjoni**

# Werrej

<b>1</b>	<b>INTRODUZZJONI</b> .....	<b>3</b>
<b>2</b>	<b>PROĊEDURI TAL-IMPORTAZZJONI</b> .....	<b>5</b>
<b>3</b>	<b>ĊERTIFIKATI FITOSANITARJI</b> .....	<b>6</b>
<b>4</b>	<b>PROJBIZZJONIJIET</b> .....	<b>8</b>
<b>5</b>	<b>KONTROLLI UFFIĊJALI</b> .....	<b>9</b>
<b>6</b>	<b>KONKLUŻJONIJIET</b> .....	<b>11</b>

## **ABBREVJAZZJONIJIET**

BCP: Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera

BTSF: Taħriġ Imtejjeb għal Ikel aktar Sikur

AK: Awtorità Kompetenti

CP: Punt ta' Kontroll

DĠ SANTE: Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari

EFSA: L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

UE: L-Unjoni Ewropea

EUROPHYT: Is-Sistema ta' Notifika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Interċettazzjonijiet tas-Saħħa tal-Pjanti

HRP: Pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn b'riskju għoli

IPPC: Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti

NPPO: Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti

OCR: Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-Kontrolli Uffiċjali

PC: Iċ-Ċertifikat Fitosanitarju

PRM: Materjal Riproduttiv tal-Pjanti

RNQP: Pest Irregolat Mhux ta' Kwarantina

TRACES-NT: Is-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji

## 1 INTRODUZZJONI

Il-miżuri ta' importazzjoni għas-saħħa tal-pjanti għandhom l-għan li jipproteġu lill-Unjoni Ewropea (UE) mill-introduzzjoni tal-pesti. Sal-2019 il-qafas leġiżlattiv tal-UE għal dawk il-miżuri kien ibbażat fuq id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE<sup>1</sup>. Din stabbiliet sistema bbażata fuq ir-riskju, b'mod ġenerali miftuħa għall-importazzjonijiet, konformi mal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'xi restrizzjonijiet bħall-ħtieġa ta' ċertifikat fitosanitarju (PC), rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni, u ċerti projbizzjonijiet. Stabbiliet ukoll is-sistema għall-kontrolli uffiċjali fuq is-saħħa tal-pjanti organizzata u mwettqa mill-Istati Membri tal-UE.

Wara r-rapport ta' evalwazzjoni tar-reġim tas-saħħa tal-pjanti fl-2010, ġiet identifikata l-ħtieġa li tiġi sostitwita l-leġiżlazzjoni preċedenti. Ir-Regolament (UE) 2016/2031 (ir-“Regolament”) ġie adottat fl-2016 u beda japplika mill-14 ta' Diċembru 2019. Dan ir-Regolament żamm l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u l-konformità mal-ftehim WTO-SPS, iżda fid-dawl tal-esperjenza, ġew introdotti miżuri sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni, u sabiex tittejjeb it-tnejn proattiva għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

Fid-dawl tal-bidliet sinifikanti fir-reġim tal-UE dwar is-saħħa tal-pjanti għall-importazzjoni, fl-Artikolu 50 tar-Regolament il-koleġislaturi introduċew l-obbligu li sal-14 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-oġettiv li jiġu vvalutati l-infurzar u l-effettività tal-miżuri relatati mal-importazzjonijiet fl-UE, li jinkludi analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji, u, meta jkun xieraq, li tippreżenta wkoll proposta leġiżlattiva biex jekk ikunu meħtieġa xi emendi, din il-ħtieġa tkun tista' tiġi indirizzata.

L-ambitu ta' dan ir-rapport jinkludi l-bidliet ewlenin imressqa mir-Regolament, jiġifieri l-bidliet ewlenin fil-miżuri ta' importazzjoni u fl-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali għal dawk il-miżuri.

Ir-rapport jivvaluta (i) l-impatt tal-inklużjoni fir-Regolament tal-Pesti Rregolati Mhux ta' Kwarantana (RNQPs), li qabel kienu koperti mil-leġiżlazzjoni dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti<sup>2</sup> (“il-leġiżlazzjoni dwar-il-materjal riproduttiv tal-pjanti”), dwar il-miżuri ta' importazzjoni u s-sistemi ta' kontroll; (ii) l-infurzar u l-effettività tal-miżuri sabiex jiġu indirizzati r-riskji identifikati reċentement, li għalihom jistgħu jiġu previsti miżuri differenti li jvarjaw minn kwarantana ta' wara l-importazzjoni għal projbizzjoni temporanja; (iii) l-infurzar u l-effettività li l-obbligu ta' ċertifikat fitosanitarju (PC) għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti ppreżentat mal-importazzjoni jiġi estiż għal komoditajiet ġodda (b'minimu ta' 1 % tal-kontrolli fil-fruntieri) u għall-pjanti li jiddaħħlu mal-bagalji tal-passiġġieri; (iv) il-proċeduri attwali għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet tal-importazzjoni kif ukoll id-dispożizzjonijiet għal projbizzjoni temporanja ta' ċerti pjanti, ta' prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħrajn identifikati bħala ta' riskju għoli, li l-importazzjoni tagħhom tkun permessa wara li tkun twettqet valutazzjoni tar-riskju tal-komoditajiet mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) abbażi ta' dossier tekniku sottomess mill-pajjiż ta' oriġini interessat, segwit minn att legali tal-UE bil-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-komodità; (v) il-bidliet introdotti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-materjal għal finijiet ta' ttestjar uffiċjali, ta' finijiet xjentifiċi u finijiet oħrajn relatati, kif ukoll

<sup>1</sup>ĠU L 169, 10.07.2000, p. 1.

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/food/plants/plant-reproductive-material/legislation/specific-legislation\\_en](https://ec.europa.eu/food/plants/plant-reproductive-material/legislation/specific-legislation_en)

il-bidliet introdotti għall-użu ta' stazzjonijiet ta' kwarantina u faċilitajiet ta' konfinament; (vi) l-impatt fuq l-infurzar u l-effettività tal-kontrolli tal-importazzjoni b'risultat tal-bidliet sinifikanti li għab miegħu ir-Regolament, bl-inklużjoni tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti skont ir-Regolament (UE) 2017/625<sup>3</sup>, ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali (l-OCR), li daħal fis-seħħ fl-istess ħin tar-Regolament.

### *Metodoloġija*

Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tar-rapport, il-Kummissjoni stabbiliet metodoloġija li kienet tinkludi l-evalwazzjoni tal-evidenza kollha disponibbli. Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati<sup>4</sup> bl-użu ta' kwestjonarji dwar erba' oqsma ewlenin fejn il-leġiżlazzjoni introduċiet bidliet: (i) proċeduri fitosanitarji għall-importazzjoni, (ii) l-użu taċ-ċertifikat fitosanitarju, (iii) projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni u (iv) dispożizzjonijiet tal-OCR dwar is-saħħa tal-pjanti. Il-kwestjonarji, li ġew żviluppati b'konsultazzjoni mal-NPPOs tal-UE u mal-assoċjazzjonijiet rilevanti fil-livell tal-UE, kellhom l-għan li jiksbu feedback dwar l-aspetti tal-politika ta' infurzar u ta' implimentazzjoni, kif ukoll dwar il-kostijiet, il-benefiċċji u l-impatti, sabiex titwettaq l-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji. Intbagħtu stedinet sabiex jitwiegħbu l-kwestjonarji lill-NPPOs, lill-awtoritajiet kompetenti taċ-ċertifikazzjoni ("AK"), u lill-awtoritajiet doganali tas-27 Stat Membru tal-UE, lil żewġ istituzzjonijiet tal-UE, lil 48 assoċjazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE u lil 178 NPPO mhux tal-UE. L-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri, l-operaturi, il-laboratorji, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-pubbliku ġenerali jistgħu jaċċessaw il-kwestjonarji permezz tas-sit web tad-DĠ SANTE. F'dan l-aħħar każ, il-Kummissjoni u l-NPPOs tal-UE għenu fir-reklamar tal-kwestjonarji permezz tal-media soċjali u ta' mezzi oħrajn. Wasal total ta' 386 tweġiba. Il-livell tal-parteċipazzjoni varja fost il-kategoriji diversi tal-partijiet ikkonċernati u l-kwestjonarji differenti, bil-kwestjonarju dwar l-OCR ikollu l-inqas parteċipazzjoni mill-awtoritajiet tal-pjanti tal-UE (15 mis-27 NPPO tal-UE) u parteċipazzjoni ġeneralment baxxa mill-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, mill-NPPOs mhux tal-UE, mill-operaturi u l-pubbliku ġenerali.

Barra minn hekk, żewġ sorsi użaw *data* disponibbli għall-pubbliku, li għaliha twettqet analiżi statistika: (i) id-*data* dwar l-interċettazzjonijiet ta' pjanti u ta' prodotti tal-pjanti importati jew innegozjati fl-UE nkisbet mill-EUROPHYT u mit-TRACES-NT għall-perjodu bejn l-2019 u l-2020 u (ii) id-*data* kummerċjali ġiet analizzata għall-perjodu bejn l-2013 u l-2020. Peress li l-komoditajiet fir-Regolament ma jikkorrispondux man-nomenklaturi kummerċjali individwali, sar tqabbil dwar l-interċettazzjoni u d-dinamika kummerċjali għal gruppi ta' komoditajiet affettwati mill-bidla leġiżlattiva.

Sabiex tappoġġa dan ir-rapport, il-Kummissjoni pproduċiet erba' rapporti tekniċi<sup>5</sup> b'informazzjoni dwar il-feedback li rċeviet u b'analiżi estensiva ta' dak il-feedback.

---

<sup>3</sup> ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

<sup>4</sup> L-Organizzazzjonijiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (NPPOs) tal-Unjoni Ewropea (UE) u mhux tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet responsabbli mid-Direttivi dwar il-Kummerċjalizzazzjoni (l-Awtoritajiet Kompetenti taċ-Ċertifikazzjoni), l-Assoċjazzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri (l-assoċjazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri), l-operaturi u l-pubbliku ġenerali

<sup>5</sup> <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126792>  
<https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126791>  
<https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126695>  
<https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC126790>

Fl-aħħar nett, għall-valutazzjoni tal-miżuri relatati mal-OCR, tqiesu wkoll ir-riżultati tal-ewwel ħames awditi dwar il-kontrolli tal-importazzjoni fl-Istati Membri. Ir-rapporti tal-awditi rilevanti kollha huma disponibbli għall-pubbliku<sup>6</sup>.

L-analiżi tal-Kummissjoni hija mxekkla minn tliet fatturi: l-ewwel, il-kontribuzzjoni parzjali tal-NPPOs u tal-assoċjazzjonijiet tal-UE u mhux tal-UE f'ċerti każijiet, li affettwat ir-rappreżentattività tat-tweġibiet, u l-kontribuzzjoni limitata ħafna tal-pubbliku ġenerali u tal-operaturi li ma ppermettietx triangolazzjoni tas-sejbiet; it-tieni, iż-żmien qasir ħafna bejn id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet diversi u t-talba għal feedback li affettwa d-daqs tal-kampjun għall-analiżi; u fl-aħħar, l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kummerċ u fuq l-attivitajiet rilevanti, minkejja l-eżistenza tar-Regolament (UE) 2020/466<sup>7</sup> dwar miżuri temporanji sabiex jiġu kkontrollati r-riskji matul ċertu tfixkil serju tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri minħabba l-COVID-19.

Minħabba l-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq, f'ċerti każijiet ma setgħux jintlaħqu konklużjonijiet dwar l-infurzar u l-effettività tal-miżuri ta' importazzjoni. Il-valutazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji twettqet sa fejn kien possibbli minħabba l-ftit feedback dwar id-*data* kwantitattiva mitluba, jew ġiet mistħarrġa permezz ta' letteratura ekonomika. Minflok saret analiżi kwalitattiva fil-fond tal-kostijiet u l-benefiċċji. Fl-aħħar nett, għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni rrestrinġiet ruħha għall-identifikazzjoni ta' suġġetti li jistħoqqilhom aktar diskussjoni.

## 2 PROĊEDURI TAL-IMPORTAZZJONI

Mill-inklużjoni fir-Regolament tar-regoli dwar l-RNQPs, l-NPPOs ħadu r-responsabbiltà għall-kontrolli uffiċjali fuq l-RNQPs mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċertifikkazzjoni. Filwaqt li l-implimentazzjoni tar-regoli tal-RNQP mal-importazzjoni tista' titqies li hi effettiva f'termini tal-ilhug tal-għan tagħhom li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-RNQP, 25 % tal-NPPOs, 41 % tal-operaturi u ħamsa minn kull sitt awtoritajiet kompetenti taċ-Ċertifikkazzjoni taw klassifikazzjoni negattiva minħabba n-nuqqas ta' koerenza bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti u dik dwar il-PRM. Kien hemm nuqqas ta' qbil fil-fehmiet dwar jekk il-konformità mal-miżuri dwar l-RNQPs jenħtieġx li tiġi inkluża wkoll taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali" taċ-ċertifikat fitosanitarju, dispożizzjoni mhux koperta mill-Artikolu 71(2) tar-Regolament.

Benefiċċju ċar tar-Regolament huwa ż-żieda fl-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali, kif indikat mit-tweġibiet. Kważi żewġ terzi tal-NPPOs u tal-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċertifikkazzjoni bdew iwettqu kontrolli simultanji għall-RNQPs u għall-pesti tal-kwarantana mill-implimentazzjoni tar-Regolament, filwaqt li 30 % biss kienu diġà qegħdin jagħmlu hekk fil-passat. L-impatt tar-Regolament fuq ir-riżorsi finanzjarji tat-twettiq ta' dawk il-kontrolli jidher li huwa minimu, peress li l-maġġoranza tal-awtoritajiet kompetenti ddikjaraw li l-kostijiet ma kinux żdiedu. Din is-sitwazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-operaturi privati.

Jidher li hemm nuqqas ta' ċarezza rigward l-azzjonijiet f'każ ta' nuqqasijiet ta' konformità relatati mal-RNQPs. Aktar minn nofs ir-rispondenti jirrifjutaw kunsinni mhux konformi u

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit\\_reports/index.cfm](https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit_reports/index.cfm)

<sup>7</sup> ĠU L 98, 31.03.2020, p. 98.

jinformaw lill-pajjiż mhux tal-UE kkonċernat. Ftit biss jikkonsultaw lill-operatur dwar trattamenti speċjali. Xi rispondenti jilqgħu l-iżvilupp ta' linji gwida rilevanti. Kważi 75 % tar-rispondenti jkunu favur in-notifika ta' nuqqasijiet ta' konformità relatati mal-RNQPs lil TRACES-NT għall-fini tat-trasparenza. Madankollu, ir-Regolament ma jkoprix din in-notifika.

Valutazzjoni dwar l-utilità tal-Artikolu 49 għall-miżuri dwar ir-riskji ta' pesti identifikati ġodda ma setgħetx titwettaq minħabba n-nuqqas ta' feedback.

### 3 ĊERTIFIKATI FITOSANITARJI

L-estensjoni tal-obbligu għal ċertifikat fitosanitarju għall-komoditajiet tal-Parti B tal-Anness XI tar-Regolament (UE) 2019/2072 (minn hawn 'il quddiem il-“komoditajiet ġodda”), introdotta bl-Artikolu 73 tar-Regolament (minn hawn 'il quddiem l-“estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju”) tista' titqies li hi ta' benefiċċju għall-protezzjoni tal-UE kontra l-pesti. Ġew irreġistrati benefiċċji ċari: aktar traċċabbiltà, protezzjoni mtejba kontra l-pesti, u aktar obbligu ta' rendikont għall-NPPOs mhux tal-UE. Barra minn hekk, madwar 33 % tal-NPPOs mhux tal-UE ddikjaraw titjib fil-kapaċità tagħhom li jidentifikaw il-pesti fl-ispezzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni.

Barra minn hekk, l-operaturi fil-biċċa l-kbira ddikjaraw li l-estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju ma kinitx affettwat il-kundizzjonijiet ekwi, jew li kien hemm bidliet pożittivi minħabba żieda fis-sensibilizzazzjoni, regoli ugwali u żieda fl-għadd ta' kontrolli.

Abbażi tal-istħarriġ, 22 % tar-rispondenti kienu tal-fehma li s-sitwazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ċertifikat fitosanitarju tjebet u 35 % ħasbuha li s-sitwazzjoni kienet baqgħet l-istess, filwaqt li 15 %, prinċipalment l-operaturi, iddikjaraw li din kienet marret għall-aġar minħabba n-nuqqas ta' proporzjonalità tal-obbligu l-ġdid mar-riskji assoċjati. Ma kienx possibbli li jiġi vvalutat jekk it-tranżizzjoni għar-rekwiżit il-ġdid kinitx bla xkiel, peress li 42 % tar-rispondenti kienu tal-fehma li din kienet bla xkiel, filwaqt li 38 % rawha bħala problematika (rekwiżiti differenti bejn il-komoditajiet tal-Parti A u tal-Parti B tal-Anness XI li huwa diffiċli li jiġu spjegati lill-operaturi, eż. il-komoditajiet tal-Parti A biss għandhom jiġu nnotifikati minn qabel fil-Postijiet ta' Kontroll fuq il-Fruntiera (BCP); id-distinzjoni bejn il-Partijiet A u B; l-identifikazzjoni ta' żrieragħ mibjugħa permezz ta' bejgħ mill-bogħod). L-Organizzazzjonijiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti li mhumiex tal-UE huma tal-fehma li sar iżjed ikkumplikat biex wieħed jidentifika l-komoditajiet il-ġodda, speċjalment l-użu maħsub li jiddetermina jkunx hemm bżonn ta' ċertifikat fitosanitarju. Madankollu, il-kriterji ta' distinzjoni bejn komodità u oħra li kienu jintużaw qabel ma kien hemm bżonn ta' ċertifikat fitosanitarju baqgħu l-istess.

L-estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju tista' titqies ukoll li hi ta' benefiċċju għall-funzjonament ġenerali tal-kummerċ. Il-partijiet ikkonċernati privati jesperjenzaw tnaqqis fil-prattika frawdolenti, żieda fil-livell ta' fiduċja fost l-atturi fil-katina tal-provvista, kapaċità mtejba għall-monitoraġġ tal-kuntratti u tnaqqis ġenerali tar-riskju.

Barra minn hekk, l-estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju tidher li żiedet is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet tas-saħħa tal-pjanti fost l-operaturi, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet kompetenti.

Mil-lat negattiv, l-estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju tidher li żiedet il-piż amministrattiv u l-kostijiet assoċjati. Assoċjazzjonijiet madwar l-UE kklassifikaw iż-żieda fl-ammont ta' xogħol bħala daqstant importanti. Tliet Stati Membri addattaw, b'kost limitat, is-sistemi tal-IT tagħhom, u wieħed tejjeb il-faċilitajiet tiegħu sabiex iwettaq l-ispezzjonijiet. Erba' Stati Membri żiedu l-livell tal-kampjunar u tal-ittejtjar għad-detezzjoni ta' riskji potenzjali ta' pesti identifikati ġodda, iżda din iż-żieda kienet inqas minn 5 %.

L-estensjoni taċ-ċertifikat fitosanitarju iġġenerat xi kostijiet għall-NPPOs mhux tal-UE wkoll, prinċipalment minħabba li dawn żiedu l-għadd ta' persunal u aġġornaw il-faċilitajiet u l-laboratorji.

Filwaqt li jidher li żdiedu ż-żmien u l-kostijiet sabiex jitlestew il-kontrolli fil-punti ta' dħul tal-UE għall-komoditajiet addizzjonali (kif iddikjarat mill-maġġoranza tas-settur privat - 44 %), il-kapaċità li jsiru investimenti fit-tul jew deċizzjonijiet strateġiċi ma ġietx affettwata b'mod qawwi, peress li 17 % tar-rispondenti biss huma tal-fehma li dik il-kapaċità hija affettwata.

Ġew irrapportati ftit li xejn rifjuti ta' kunsinni, prinċipalment ta' żrieragħ, ta' frott u ta' fjuri maqtugħa, minħabba nuqqas ta' PC jew ċertifikat fitosanitarju mhux komplut għall-komoditajiet il-ġodda. Il-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE kkonsultati ddikjaraw li dawn ma sabu l-ebda bidla kbira fil-volumi tal-importazzjonijiet lejn l-UE, fil-produzzjoni fl-UE jew fil-prezzijiet għall-komoditajiet il-ġodda. It-tweġibiet tal-NPPOs mhux tal-UE, għalkemm limitati, jistgħu jikkonfermaw li la kien hemm bidliet fil-volumi tal-esportazzjonijiet lejn l-UE u lanqas ma kien hemm żieda fil-kostijiet għall-esportaturi. It-tweġibiet li taw il-partijiet ikkonċernati huma konformi mal-konklużjoni rrapportata f'Soto *et al.* (2021), li l-bidla fil-leġiżlazzjoni kellha effett negliġibbli fuq il-kummerċ ġenerali tal-pjanti. Il-kontroll obligatorju ta' 1 % tal-komoditajiet il-ġodda mal-importazzjoni ma kienx kumpless għal ħafna rispondenti, filwaqt li kważi l-istess għadd ta' rispondenti esperjenzaw diffikultà biex jiddistingwu l-komoditajiet irregolati l-“ġodda” mill-“antiki”, u semmew ukoll nuqqas ta' proċeduri uniformi minn Stat Membru għal ieħor.

Rigward id-dispożizzjoni tal-Artikolu 71(2) tar-Regolament, li meta l-att ta' implimentazzjoni joffri għażliet diversi, fiċ-ċertifikat fitosanitarju trid tiddaħħal il-formulazzjoni sħiħa tar-rekwiżit speċifiku li jkun ġie ssodisfat, aktar minn nofs ir-rispondenti jsibuha pjuttost ċara, filwaqt li 32 % jsibuha pjuttost mhux ċara. Kemm l-UE kif ukoll l-NPPOs mhux tal-UE jaraw ir-rekwiżit bħala ċar, iżda l-partijiet ikkonċernati privati huma tal-fehma opposta. Minkejja l-approvazzjoni mis-27 Stat Membru tal-kjarifiki li pprovdiet il-Kummissjoni, l-operaturi u r-rappreżentanti tagħhom wieġbu li l-implimentazzjoni tar-rekwiżit ma kinitx omoġenja madwar l-UE kollha, u li kien diffiċli ssegwi l-approċċi diversi. Iżda dan kien il-każ biss fil-bidu tal-implimentazzjoni ta' dak ir-rekwiżit.

L-estensjoni tar-rekwiżit ta' ċertifikat fitosanitarju għall-pjanti li jiddaħħlu mill-passiġġieri hija meqjusa wkoll bħala ta' benefiċċju, peress li, skont aktar minn 80 % tal-partijiet ikkonċernati, din wasslet għal żieda fil-protezzjoni tal-UE kontra l-pesti. Inkisbu ftit wisq tweġibiet mill-pubbliku ġenerali (17) biex issir valutazzjoni.

## 4 PROJBIZZJONIJIET

L-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti komoditajiet hija pprojbita skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 tar-Regolament. Il-proċedura attwali għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, jiġifieri l-faċilitazzjoni ta' importazzjonijiet ta' komoditajiet li kieku jkunu pprojbiti, abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-pajjiżi interessati, kienet qiegħda taħdem relattivament tajjeb. Madankollu, hemm lok li jkun hemm aktar standardizzazzjoni ta' dik il-proċedura. Il-proċedura attwali għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni, tqieset bħala sodisfaċenti minn 47 % tar-rispondenti u bħala mhux sodisfaċenti minn 30 % oħra. In-nuqqas ta' sodisfazzjon huwa prevalenti fost l-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri minħabba proċessi twal, nuqqas ta' trasparenza, bażi xjentifika limitata, u żieda fl-isforzi amministrattivi u finanzjarji.

L-Artikolu 42 tar-Regolament dwar il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn b'riskju għoli (HRP), jista' jitqies bħala dispożizzjoni effettiva f'termini tat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-UE kontra l-pesti, kif ikkonfermat minn 61 % tar-rispondenti li wkoll iqisu li l-lista tal-HRP inkluża fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/2019<sup>8</sup> u l-proċeduri inklużi fir-Regolament (UE) 2018/2018<sup>9</sup> huma ċari. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-evalwazzjoni tal-impatt tal-lista tal-HRP fuq il-probabbiltà ta' tifqigħat, fejn assoċjazzjoni waħda biss uriet il-fehma tagħha li din il-probabbiltà żdiedet. B'mod ġenerali, ir-rispondenti qablu wkoll li l-istrettezza tal-projbizzjoni hija adegwata. Seba' assoċjazzjonijiet u erba' NPPOs iddikjaraw l-oppożizzjoni. Fl-aħħar nett, kien hemm sejħa għal aktar trasparenza dwar il-proċedura użata għall-iżvilupp tal-lista tal-HRP.

Minbarra ż-żieda fil-protezzjoni tal-UE kontra l-pesti u ż-żieda fit-tħejjija kontra r-riskji potenzjali ta' pesti identifikati ġodda, imsemmija mill-biċċa l-kbira tar-rispondenti (69 %) (dawn tal-aħħar ġew attribwiti għall-valutazzjonijiet tar-riskju tal-komoditajiet imwettqa), iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li l-UE tiġi protetta kontra l-pesti kienet benefiċċju addizzjonali msemmija minn aktar minn 50 % tar-rispondenti.

L-impatt negattiv li ssemma' l-aktar kien iż-żieda fil-piż amministrattiv. Fil-fatt, 29 mis-77 parti kkonċernata wrew il-fehma tagħhom li l-piż amministrattiv kien żdied minħabba l-komplessità tal-kontrolli fuq il-fruntieri, tal-ispezzjonijiet u tal-miżuri ta' sorveljanza. Fl-istess ħin, ir-riżorsi addizzjonali allokat i żiedu l-kapaċità li jiġu traċċati l-komoditajiet inklużi fil-lista tal-HRP u li jiġu identifikati l-HRP li diġà tneħħew mil-lista.

Minbarra t-taħriġ immirat dwar is-suġġetti tas-saħħa tal-pjanti organizzat mill-Kummissjoni taħt il-BTSF, partijiet ikkonċernati oħrajn, prinċipalment l-NPPOs, wettqu attivitajiet ta' taħriġ addizzjonali biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-HRP. Id-DĠ SANTE, l-EFSA u 13 mill-21 NPPO tal-UE ddikjaraw li żiedu b'mod sinifikanti l-attivitajiet tagħhom ta' xandir ta' informazzjoni. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati privati kklassifikaw b'mod pożittiv daww l-isforzi ta' xandir ta' informazzjoni, speċjalment daww mill-EFSA u mill-NPPOs.

<sup>8</sup> ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10–15.

<sup>9</sup> ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7–9.

Il-projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet tal-HRP ma kellhiex impatt sinifikanti fuq is-suq domestiku f'termini tal-produzzjoni domestika, tal-prezzijiet u tal-bejgħ, jew fuq il-kapaċità tal-operaturi li jesportaw l-HRP jew li jwettqu investimenti fit-tul jew fuq l-għadd reali ta' operaturi fis-settur. Madankollu, l-operaturi u l-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, iqisu li l-kummerċ tal-HRP huwa aktar kumpless prinċipalment minħabba l-ħtieġa ta' fornituri ta' pjanti ġodda. Madankollu, dawn irnexxielhom jissostitwixxu l-ispeċijiet ipprojbiti tal-HRP bi speċijiet oħrajn. Ir-riżultati tal-analiżi kummerċjali ppreżentati f'Soto *et al.* (2021) jikkonfermaw il-feedback miksub mill-partijiet ikkonċernati.

L-erba' NPPOs mhux tal-UE li ddikjaraw li kienu sottomettew dossier sabiex ineħħu l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-HRP minn pajjiżhom iqisu l-proċess bħala kumpless, billi l-informazzjoni mitluba hi speċifika wisq u ma hemm disponibbli l-ebda linja gwida dettaljata. Huma wiegħbu wkoll li l-ispezzjonijiet u l-kapaċità tagħhom li jiċċertifikaw l-HRPs li jkunu tneħħew mil-lista kienu kumplessi, iżda li ż-żieda fit-taħriġ kien ta' għajjnuna biex tissolva din il-kumplessità. Id-*data* dwar il-kwantifikazzjoni tal-kostijiet kienet limitata wisq biex titwettaq kwalunkwe valutazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 48 tar-Regolament dwar il-materjal għal finijiet ta' ttestjar uffiċjali, finijiet xjentifiċi u finijiet oħrajn relatati, jidhru li ġew issimplifikati meta mqabbla mal-passat, kif ikkonfermat mill-maġġoranza tar-rispondenti, iżda 11 mill-31 risponent, li minnhom 3 mill-4 laboratorji huma l-utenti ewlenin, iqisu l-oppoż. L-esperjenza bl-Ittra ta' Awtorità ġiet ikklassifikata bħala mhux sodisfaċenti mill-maġġoranza tar-rispondenti (32 %), minħabba problemi bl-approvazzjoni tal-ittra minn NPPOs mhux tal-UE, piż amministrattiv, nuqqas ta' ċarezza tad-dispożizzjoni, nuqqas ta' armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, u t-talba ripetuta għal ittra bħal din lill-istess konsenjatur.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 60 sa 64 tar-Regolament dwar l-użu ta' stazzjonijiet ta' kwarantina u faċilitajiet ta' konfinament, jistgħu jitqiesu bħala sodisfaċenti, kif ikkonfermat mill-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti. Il-proċedura għar-rilaxx ta' materjal mill-kundizzjonijiet ta' kwarantina tidher li hija ċara u effettiva għar-rispondenti kollha.

## 5 KONTROLLI UFFIĊJALI

Is-settur tas-saħħa tal-pjanti ġie inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-OCR, u l-kontrolli tal-importazzjoni issa jitwettqu skont l-istess proċeduri ta' setturi oħrajn tal-katina alimentari, bi ftit eċċezzjonijiet.

B'rabta mal-limitazzjonijiet deskritti fl-introduzzjoni, ta' min jinnotta li l-kwestjonarju dwar l-OCR kellu rata ta' parteċipazzjoni aktar baxxa.

Ma setgħux jintlaħqu konklużjonijiet dwar il-livell ta' effettività u armonizzazzjoni tal-kontrolli tal-importazzjoni: 35 mill-65 parti kkonċernata li wiegħbu qiesu l-implimentazzjoni tar-reġim il-ġdid għall-kontrolli tal-importazzjoni bħala effettiva u armonizzata, filwaqt li l-feedback inizjali mill-ewwel ħamsa minn sensiela ta' 15 sa 20 awditu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-OCR, żvela n-nuqqasijiet, għaliex l-Istati Membri ma jiżgurawx l-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u għall-postijiet ta' kontroll. Il-proċeduri tal-awditjar u tal-verifika, il-proċeduri dokumentati, il-pjanijiet ta'

monitoraġġ u ta' kampjunar sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-kontrolli fiżiċi, kollha jinsabu fi stadji differenti ta' żvilupp. It-TRACES-NT hija operazzjonali, iżda għad hemm nuqqasijiet fl-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għall-kunsinni personali u għall-materjal tal-imballaġġ tal-injam.

L-użu ta' TRACES-NT jista' jitqies bħala titjib importanti li jgħib miegħu l-OCR. Fil-fatt, il-funzjonalità offruta sabiex jiġu nnotifikati n-nuqqasijiet ta' konformità mal-importazzjoni ġiet iddikjarata bħala effettiva minn 80 % tar-rispondenti. L-NPPOs ikklassifikaw ukoll b'mod pożittiv l-interkonnnessjoni ma' sistemi oħrajn, il-faċilità tal-użu, u d-disponibbiltà tal-informazzjoni.

L-OCR introduċa regoli ġodda għall-kontrolli fil-punti ta' kontroll (CP) u għall-kontrolli bbażati fuq ir-riskju fuq il-komoditajiet fi tranżitu. Minkejja li m'ihomx wisq fis-seħħ, dawk il-kontrolli jistgħu jitqiesu bħala effiċjenti, kif iddikjarat minn 47 fost 52 u minn 31 fost 36 risponent rispettivament.

L-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kampjunar għall-kontrolli fiżiċi mwettqa permezz ta' spezzjoni viżiva (l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/2130<sup>10</sup>) kien titjib importanti tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali. Fil-fatt, is-serje ta' awditjar preċedenti kienet identifikat varjazzjoni sinifikanti fil-kampjunar għall-kontrolli fiżiċi u dan tqies bħala dgħufija mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Skont it-tweġibiet, id-daqs tal-kampjun issa qiegħed jiġi deċiż b'mod aktar uniformi, minħabba rekwiżiti aktar ċari. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati rrapportaw li d-daqs tal-kampjun tal-kunsinni b'lottijiet żgħar ta' komoditajiet diversi huwa kbir b'mod sproporzjonat sabiex jintlaħaq il-livell minimu ta' fiduċja aċċettat stabbilit fil-leġislazzjoni, u 33 % minnhom jitolbu aktar armonizzazzjoni, fir-rigward tal-kwantitajiet minimi li għandhom jiġu eżentati mill-kontrolli. Ir-Regolament (UE) 2019/2130 introduċa wkoll dispożizzjonijiet ġodda dwar il-kampjunar u l-ittestjar għal infezzjonijiet latenti. Skont il-feedback li nġhata fil-kwestjonarju, dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda ma affettwawx il-kostijiet iżda ppermettew li dawk it-testijiet jiġu implimentati b'mod regolari.

Il-biċċa l-kbira tal-NPPOs ma żidux il-persunal tagħhom jew l-ammont ta' xogħol sabiex jiġu implimentati l-bidliet li jirriżultaw mill-OCR. Il-programm BTSF tal-Kummissjoni kien jinkludi taqsima ddedikata dwar l-OCR il-ġdid għall-ispetturi tas-saħħa tal-pjanti. Barra minn hekk, kważi nofs ir-rispondenti wettqu attivitajiet ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni għall-OCR.

Barra minn hekk, il-bidliet fil-leġislazzjoni wasslu għal bidliet limitati ħafna fl-għadd ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u ta' postijiet ta' kontroll, meta mqabbel mal-passat. Erba' NPPOs għalqu l-punti ta' dħul u tlieta għalqu l-postijiet approvati tad-destinazzjoni prinċipalment minħabba volumi ta' importazzjoni iżgħar, minħabba l-kosteffettività u minħabba r-riorganizzazzjoni finanzjarja.

Skont 25 % tat-tweġibiet li taw l-operaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, il-benefiċċji mill-bidliet li jirriżultaw mill-OCR iġibu magħhom konsegwenzi negattivi għaliex tnaqqset il-kapaċità tal-importazzjoni tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti. It-tnaqqis fil-kapaċità tal-importazzjoni huwa prinċipalment minħabba li bħalissa l-merkanzija tiġi kklirjata abbażi taċ-

---

<sup>10</sup> ĠU L 321, 12.12.2019, p. 128-138.

ċertifikat fitosanitarju, filwaqt li qabel l-ikklijar kien ibbażat fuq id-dokument tat-trasport, li kien ikopri diversi ċertifikati fitosanitarji. Barra minn hekk, kważi risponent wieħed minn kull tlieta fis-settur privat iddikjara li l-kostijiet tal-kontrolli kienu żdiedu, iżda b'inqas minn 10%. Għal għadd simili ta' risponenti, il-kostijiet baqgħu l-istess.

Aktar minn nofs l-NPPOs qablu li l-kost tal-oġġetti konsumabbli sabiex jitwettqu l-kontrolli ma kienx affettwat. Madankollu, 67 % tal-NPPOs indikaw li l-ħin meħtieġ għat-twettiq tal-kontrolli jew baqa' l-istess bħal qabel, jew żdied b'inqas minn 10 %. L-ebda kost addizzjonali ma ġie rrapportat mill-NPPOs u l-istess ġie ddikjarat kemm għall-kostijiet tal-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera kif ukoll għall-kostijiet totali kif irrapportat mill-operaturi u mill-assoċjazzjonijiet.

Il-kost għall-istabbiliment ta' pjan ta' monitoraġġ għall-materjal tal-imballaġġ tal-injam u għall-aġġornament tal-protokoll tal-ispezzjoni titqies li żdiedet minn żewġ NPPOs, u l-kost addizzjonali huwa inqas minn 10 %.

Sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti tal-OCR għall-kontrolli fuq il-bagalji tal-passiġġieri, il-maġġoranza tal-NPPOs baqgħu jużaw l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju li kienu qegħdin jużaw qabel l-implimentazzjoni tal-OCR. Madankollu, il-maġġoranza tal-NPPOs iddelegaw il-kontrolli taċ-ċertifikati fitosanitarji lill-awtoritajiet doganali u ftit kienu li kellhom jaġġornaw il-faċilitajiet tagħhom sabiex iwettqu dawk il-kontrolli.

Ir-rekwiżit għall-kontrolli ta' wara l-importazzjoni għall-pjanti għat-tħawwil li jidħlu fl-UE fi stadju inattiv kien ilu fis-seħħ għal ftit aktar minn sitt xhur meta tnedew il-kwestjonarji. Jista' jkun li għalhekk 61,1 % tar-risponenti ma kellhom l-ebda opinjoni. Madankollu, 22,3 % tar-risponenti kklassifikaw il-miżura bħala effettiva. Nofs l-NPPOs risponenti enfasizzaw il-komplessità għat-traċċar tal-importazzjonijiet ta' komoditajiet permezz ta' Stati Membri oħrajn. Rigward l-organizzazzjoni tal-kontrolli ta' wara l-importazzjoni, il-biċċa l-kbira tal-NPPOs urew il-fehma li l-proċedura hija sempliċi, iżda kien hemm sehem importanti minnhom li kklassifikawha bħala mhux faċli. Ma nkisbitx biżżejjed *data* dwar l-għadd u l-kostijiet tal-ispezzjonijiet ta' wara l-importazzjoni mwettqa għall-pjanti għat-tħawwil importati fi stadju inattiv biex jintlaħqu konklużjonijiet.

Meta ġew mistoqsija dwar il-kontrolli tal-komoditajiet mibjugħa permezz tal-kummerċ elettroniku, il-biċċa l-kbira tar-risponenti qablu li l-kontrolli għall-bejgħ mill-bogħod għandhom jiġu implimentati bl-istess mod ta' dawk għall-katina tal-provvista tradizzjonali, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fiż-żamma tal-livell ta' protezzjoni kontra r-riskji għas-saħħa tal-pjanti.

## **6 KONKLUŻJONIJIET**

Abbażi tad-*data* vvalutata, jista' jitqies li r-Regolament u l-inklużjoni tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-OCR ikkontribwew għall-kisba tal-oġġettivi tat-titjib tal-protezzjoni fitosanitarja tal-UE, u taż-żieda ta' azzjoni proattiva kontra l-pesti, filwaqt li jikkonformaw mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti, permezz ta' approċċi bbażati fuq ir-riskju u trasparenti. Il-fehmiet tal-NPPOs kienu pożittivi dwar id-dispożizzjonijiet li pprovdew ċarezza fil-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti u dwar id-dispożizzjonijiet li komplew itejbu l-protezzjoni tal-UE kontra l-pesti. Id-dispożizzjonijiet, li

l-introduzzjoni tagħhom inħasset li kkawżat id-diffikultajiet f'kummerç diġà stabbilit tqiesu b'mod negattiv mill-assoċjazzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-analiżi tal-feedback miġbur mill-partijiet ikkonċernati dwar il-bidliet fir-rekwiżiti taċ-ċertifikat fitosanitarju, dwar il-bidliet minħabba l-OCR u dwar l-introduzzjoni tal-projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni tal-HRPs, flimkien mal-analiżi tad-*data* kummerċjali disponibbli (Soto *et al.* 2021) tindika sitwazzjoni fejn il-benefiċċji jisbqu l-kostijiet. Aspett ewlieni li seta' wassal għal din il-valutazzjoni pożittiva huwa l-attivitajiet ta' taħriġ u xandir. Is-sitwazzjoni hija inqas ċara għall-bidliet fil-proċeduri mal-importazzjoni u b'mod partikolari għall-RNQPs. L-awtoritajiet tal-UE u dawk mhux tal-UE aktar mill-operaturi privati jenfasizzaw il-benefiċċji tal-bidliet leġiżlattivi. Dawn tal-aħħar għandhom it-tendenza li jidentifikaw għadd akbar ta' nuqqasijiet żgħar fl-implimentazzjoni tal-bidliet leġiżlattivi u jindikaw l-oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar irfinar.

Sabiex jittejjbu l-effettività u l-implimentazzjoni Prattika tar-Regolament u tar-regoli tal-OCR, u sabiex tinkiseb utilità aħjar, jistgħu jitqiesu xi oqsma għal aktar diskussjoni. Dan japplika għal (1) it-titjib tal-koerenza tad-dispożizzjonijiet dwar l-RNQPs u l-kontrolli tagħhom, (2) il-proċeduri għall-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet tal-importazzjoni skont l-Artikolu 40 tar-Regolament, (3) it-tishiġ tat-trasparenza dwar il-proċeduri għall-pjanti b'riskju għoli skont l-Artikolu 42, u (4) il-kontrolli uffiċjali mmirati fuq il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti importati permezz tal-bejgħ mill-bogħod. Madankollu, kull emenda putattiva jenħtieġ li tkun limitata fl-ambitu tagħha, peress li tkun relatata prinċipalment ma' aġġustamenti għal sistema li diġà qed tiffunzjona.